**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2024

Rikors Ġuramentat: 98/2013AL

**A B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* tal-ulied minuri tal-kontendenti C u D u b'digriet tal-1 ta' Novembru 2016 il-Qorti laqgħet it-talba biex il-kawża tgħaddi fil-persuna ta' E F sabiex ikompli l-kawża *stante* li A B mietet fil-mori ta' dawn il-proċeduri**

**vs.**

**G B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru 743/1998)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attriċi tal-21 ta' Mejju 2013[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Mejju tas-sena 1998, u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. AG1;*

*2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: C, imwielda nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 2000 u D, imwielda nhar il-15 ta' April tas-sena 2004, illi għalhekk huma t-tnejn minorenni;*

*3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi senjatament adulterju, theddid, ingurji u offizi gravi da parti tal-konvenut fuq l-esponenti kif ukoll minhabba inkompatibilita` serja ta' karattri u għalhekk hemm lok ghas-separazzjoni personali tal-partijiet;*

*4. Illi ghall-habta ta' Marzu tas-sena 2009, il-konvenut abbanduna l-fond matrimonjali fl-indirizz X, Triq il-X, Attard, u halla warajh lill-esponenti u lil ulied il-partijiet, sabiex imur joqghod ma' mara ohra illi ilu jittrattjeni relazzjoni adultera maghha ghal zmien twil, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza;*

*5. Illi nhar il-21 ta' Frar tas-sena 2012, il-konvenut kien qieghed jezercita access ghal uliedu minuri bi qbil bejnu u bejn l-esponenti, izda fi tmiem dan l-access, il-konvenut zammhom ghandu b'forza u kontra r-rieda ta' l-esponenti, fejn dawn izda, spiccaw għadhom jirrisjedu sal-lum anke wara ezercizzju kbir ta' parental alienation da parti ta' l-istess konvenut;*

*6. Illi ciononostante l-esponenti temmen illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi dawn jirrisjedu maghha, b'access ghal missierhom illi jigi maqbul tenut kont ta' l-istess ulied, illi llum ghandhom 13-il sena u disa' snin rispettivament, u ghalhekk hemm lok ukoll ghall-provvedimenti dwar il-kura, kustodja, access u manteniment ghall-ulied minuri;*

*7. Illi l-attrici kienet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 25 ta' Frar 2013, illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. AG1, filwaqt illi permezz ta' Digriet datat 23 ta' April 2013, hawn anness, esebit u*

*mmarkat bhala Dok. AG2, hija giet akkordata perjodu ulterjuri ta' xahrejn sabiex tintavola dawn il-proceduri;*

*8. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attrici.*

*B. RAGUNIJIET GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI*

*Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement jigi ddikjarat il-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-22 ta' Mejju tas-sena 1998 ai termini ta' l-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddisponi mutatis mutandis ai termini ta' l-Artikolu 66D(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mit-talbiet imressqa mill-attrici, liema talbiet huma ai termini tas-Sub-Titolu III tat-Titolu I ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mahsuba illi jistghu isiru f'kawza ta' Separazzjoni Personali, u jinghataw id-dispozizzjonijiet kollha sussegwenti necessarji u ancillari.*

*C. TALBIET ATTRICI*

*Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut ighid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex: -*

*1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-hall taz- zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-22 ta' Mejju tas-sena 1998 ai termini ta' l- Artikolu 66C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u imputabbli lill-konvenut;*

*3. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri C u D f'idejn l-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja illi tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-minuri C u D, tenut kont tal-mezzi tal-konvenut u l-htigijiet tal-minuri u wara illi tapplika wkoll il-provvedimenti ta' l-Artikoli 3B(2)(a) u 54(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema retta alimentarja tigi mhallsa b'dawk il-modalitajiet opportuni, inkluz iz-zieda relattiva ghall-gholi tal-hajja u l-mod kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien sa l-eta` maggorenni u oltre sa l-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena jekk l-ulied jew min minnhom ikunu studenti full time u ghalhekk ma jkunx ragonevolment possibbli għalihom illi jmantnu lilhom infushom kif xieraq, u tordna illi tali manteniment jinqata' mill-paga jew introjtu iehor illi l-konvenut jista' jkollu kull fejn ikun qieghed jahdem, jew minn kwalunkwe beneficcju illi l-istess konvenut ikun intitolat ghalih, u jithallas direttament lill-attrici;*

*5. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*6. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda u ddekada mill- jeddijiet msemmija u tiddikjara inoltre illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici, u għal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artkolu 3 tal-Kodici Civili. Inoltre, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;*

*7. Minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti u in linea sussidjarja ghall-istess, tawtorizza lill-attrici sabiex tghix fid-dar matrimonjali, ossia l-fond fl-indirizz Fairy Bluebird, Triq il-Gellewza Sewda, Attard, ad eskluzjoni tal-konvenut, ukoll bl- applikazzjoni ta' l-Artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*8. In linea sussidjarja, minghajr pregudizzju ghas-seba' (7) talba u unikament f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-istess seba' (7)*

*talba, tordna illi d-dar matrimonjali, ossia l-fond fl-indirizz Fairy Bluebird, Triq il-Gellewza Sewda, Attard, titpogga għall-bejgħ b'mod immedjat fuq is-suq liberu ghal prezz illi jigi indikat mill-espert illi jista' jigi nominat mill-partijiet fil-pendenza ta' dawn il-proceduri jew minn dina l-Onorabbli Qorti f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, u tiffissa penali per diem illi jkunu pagabbli minn parti wahda favur l-ohra f'kaz illi xi parti tohloq xi ostakolu sabiex il-proprjeta tigi rekalmata ghall-bejgh u/jew f'kaz illi xi parti tinqos milli tidher ghall-bejgħ f'kaz illi jinsab il-bejgh ghall-prezz indikat, u tordna wkoll illi fil-pendenza tal-bejgħ ta' l-istess dar matrimonjali, hija tigi awtorizzata illi tghix fl-istess proprjeta` flimkien ma' wliedha minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut;*

*9. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni ta' l-Akkwisti kif ukoll kwalunkwe beni ohra mizmuma in komun bejn il-partijiet, f'zewg ishma illi, in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux necessarjament ugwali, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini ta' l-istess billi tikkunsidra wkoll id-dati ta' l- tkisser liema ta' akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati z-zwieg minnu b'konsegwenza kommessi tat-tortijiet irrimedjabilment;*

*10. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur ta' l-istess, u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv ta' l-istess jekk ikun il-kaz;*

*11. Tiddikjara illi l-fond fl-indirizz Fairy Bluebird, Triq il-Gellewza Sewda, Attard m'għandux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;*

*12. Tordna lill-konvenut sabiex, sa mhux aktar tard mid-data tas-sentenza, jivvaka minn kull proprjeta` appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, jew altrimenti mizmuma in komun bejn il-partijiet, sabiex b'hekk dina tkun tista' tigi assenjata jew likwidata liberament;*

*13. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*14. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia "H";*

*15. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali Sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ[2] bin-numru 743/1998;

Rat id-digriet tal-25 ta' Frar 2013[3] li bih il-Qorti ddikjarat magħluqa l-medjazzjoni u awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża fit-termini mpost mill-liġi u d-digriet tat-23 ta' April 2013[4] li bih il-Qorti akkordat perjodu ulterjuri ta' xahrejn sabiex tinfetaħ il-kawża;

Rat ir-risposta maħlufa[5] tal-konvenut fejn eċċepixxa:

*1. Illi huwa jaqbel ma l-ewwel talba tar-rikorrenti u cioe li jkun hemm dikjarazzjoni mill-Qorti li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-22 ta' Mejju, 1998 jigi mahluf skond il-ligi;*

*2. Illi huwa jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali b'dan illi l-firda sehhet minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici u dan kif jista jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qegħda issir kontestwalment.*

*3. Dwar it-tielet talba ma hemmx qbil u dan peress li t-tfal ilhom jirrisjedu volontarjament mal-konvenut sa minn Frar, 2012 u li dak li qieghed jaghmel il-konvenut maghhom gie rikonoxxut bhala li huwa ta' interess u gid ghat-tfal mill-esperti kollha nominati sa issa mill-Qorti.*

---

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 11.
[4] Fol. 14.
[5] Fol. 28.

*4. Illi għall-istess raġunijiet miġjuba fit-tielet eċċezzjoni hawn fuq riportata, l-konvenut ma għandu jħallas l-ebda manteniment għall-minuri, hekk kif mitlub fir-raba' talba, l-għaliex dawn fil-prezent jirrisjedu miegħu. L-attriċi da parti tagħha, minkejja li ġiet ordnata mill-Qorti sabiex tħallas manteniment għall-uliedha, għada sal-lum qatt ma ħallset ċenteżmu. Kif lanqas ma ħallset nofs l-ispejjez mediċi u edukattivi li l-Qorti kienet ordnatilha permezz ta' digriet datat 19 ta' Settembru, 2012 fl-atti ta' l-ittra ta' medjazzjoni numru 715/12 fl-ismijiet A B vs G B.*

*5. Illi hemm qbil mal-ħames talba u cioe li tiġi likwidata u xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*6. Illi għar-rigward tas-sitt talba l-konvenut ma jarax li huwa għandu jitlef xi dritt li għandu, anzi hija l-attriċi li għandha titlef dawn id-drittijiet u f'dan ir-rigward huwa qiegħed iressaq it-talba appożita fil-kontro-talba hawn annessa. L-istess haġa jingħad għar-rigward tal-pagamenti li saru. Dawn għandhom jingħaddu u jinqasmu b'mod ugwali bejn il-kontendenti.*

*7. Illi fir-rigward tas-seba' talba ma hemm l-ebda oġġezzjoni li l-attriċi tibqa tgħix fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut b'dan illi huwa għandu jingħata l-affarijiet tiegħu u tal-minuri li għadhom f'dik id-dar kif ukoll li jingħata nofs il-valur ta' dik id-dar flimkien mal-pagamenti kollha li huwa għamel minn wara li l-attriċi bdiet r-relazzjoni extra matrimonjali tagħha ma Piero F jew kull data oħra li jogħġobha tistabilixxi l-Qorti bħala d-data li l-attriċi kienet ħatja tal-firda.*

*8. Illi fir-rigward tat-tmien talba, galadarba l-konvenut mhux joġġezzjona li l-attriċi tgħix fid-dar matrimonjali - basta li huwa jingħata dak spettanti lilu mill-valur ta' din id-dar - allura din it-talba hija superfluwa u ma għandux ibati l-ispejjez tagħha. F'kull kaz, dejjem bid-dovut rispett, il-Qorti ma tistax f'dawn it-tip ta' kawżi tordna li dar titpoġġa għal bejgħ fis-suq ħieles u tordna xi penali. Tista issir rakomandazzjoni, iżda żgur mhux ordni. Hija haġa oħra li l-Qorti tordna l-bejgħ bl-irkant. Hemm il-partijiet ikollhom joqgħodu għad deċiżjoni tal-Qorti tkun xi tkun. F'dan il-kaz però, l-konvenut kif diġà ingħad ma huwiex joġġezzjona li l-attriċi tgħix fid-dar matrimonjali diment li huwa jirċievi sehmhu mill-valur tagħha.*

*9. Illi fir-rigward tad-disa talba hemm qbil b'dan li l-Qorti, skond il-kontro-talba ppreżentata kontestwalment, hija mitluba ukoll tapplika l-istess sitwazzjoni, fatti u ċirkostanzi fil-konfront ta' l-attrici.*

*10. Illi ghar-rigward ta' l-ghaxar talba, galadarba issir il-prova li l-attrici ghandha xi krediti u jew beni parafernali, l-konvenut ma jsibx oġġezzjoni ghat-talba.*

*11.Illi dwar il-hdax-il talba ma hemmx oġġezzjoni.*

*12. Illi dwar it-tnax il-talba hemm oġġezzjoni l-ghaliex fproprjeta minnhom (dik tas-Siggiewi) hemm diversi annimali li qeghdin jigu miżmuma fiha u l-konvenut qieghed jitlob li din il-proprjeta tigi assenjat lilu flok flejjes li talvolta jkunu dovuti mill-attrici lill-komunjoni. F'din il-proprjeta hemm ukoll iz-zwiemel li t-tfal jirkbu.*

*13.Illi t-tlettax il-talba saret inutilment u dan peress illi ma hemmx bzonn il-htiega li jiġu nominati Nutar Pubbliku u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci peress li l-Qorti tista tawtorizza li s-sentenza taghha tigi registrata u dan skond l-artikoli 62A u 1332(10) tal-Kap. 16.*

*14. Illi ma hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba numru erbatax (14) u hmistax (15).*

*15. Salv risposti ulterjuri.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba[6] tal-konvenut fejn ippremetta:

*1. Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fit-22 ta' Mejju, 1998;*

*2. Illi min dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt itfal:*

*i. C li twieldet fl-20 ta' Mejju, 2000; u*

[6] Fol. 33.

*ii. D li twieldet fil-15 ta' April, 2004*

*Illi ghalhekk l-ahwa B ghandhom minorenni;*

*3. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja lejn ir-rikorrenti ta' eccessi, sevizzi, theddid u offizi gravi b'mod li rrendiet il-hajja konjugali ta' bejniethom impossibbli u peress illi l-hajja matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut tkissret irremedjabilment;*

*4. Illi r-rikorrenti kellhu jitlaq mid-dar matrimonjali minhabba l-hajja insopportabbli u l-ambjent kontinwu ta' ġlied li kienet qeghda tikkawża l-intimata;*

*5. Illi l-minuri ahwa B ilhom jghixu mar-rikorrenti sa minn Frar, 2012 u li l-intimata ghadha sal-lum qatt ma hallset nteżmu f'manteniment, kif lanqas qatt ma hallset jew ikkontribwiet ghal nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni taghhom minkejja li hija kienet giet ordnata taghmel hekk minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 19 ta' Settembru, 2012;*

*6. Illi minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja bejn il-kontendenti, din is-soluzzjoni bonarja qatt ma sehhet;*

*7. Illi kien minhabba f'hekk illi huwa kellu jaghmel dawn il-proceduri.*

*8. Illi r-rikorrenti ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja sabiex jistitwixxi din il-kawza;*

*9. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti, previa kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja, u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni jew mehtiega fic-cirkostanzi ma ghandhiex:-*

*1. TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal raġunijiet imputabbli lill-intimata u ghall-finijiet tal-*

*Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tiġi kkunsidrata li minnhu kienet hatja tal-firda;*

*2. TAWTORIZZA lir-rikorrenti sabiex ighix separatament minn martu l-intimata;*

*3. TORDNA li l-kura u kustodja tal-minuri C u D ahwa B, tiġi fdata lir-rikorrenti, salv l-access ta' l-intimata illi ghandu jiġi ezercitat fil-granet u l-hinijiet li jiġu appozitament stabbiliti mill-Qorti;*

*4. TIKKUNDANNA lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti żewġha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-imsemmija minuri C u D ahwa B, skond il-mezzi ta' l-intimata u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-intimata lir-rikorrenti fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali.*

*5. TIKKUNDANNA lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti żewġha nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra- kurrikulari tal-minuri ahwa B.*

*6. TILLIKWIDA l-arretrati ta' manteniment u nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni li l-intimata naqset li thallas lir-rikorrenti mid-19 ta' Settembru, 2012 sal-lum, minkejja li hija kienet giet hekk ordnata li thallas skond digriet datat 19 ta' Settembru, 2012 fl-atti ta' l-ittra ta' medjazzjoni numru 715/12 fl-ismijiet A B vs G B.*

*7. TIKKUNDANNA lill-intimata thallas l-ammont hekk likwidat fis-sitt (6) talba.*

*8. TAPPLIKA kontra l-intimata interament jew in parti, id- disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodici Civili (Kap. 16) u TIDDIKJARA li l-intimata iddekadiet mill-jeddijiet imsemmija u tiddikjara inoltre li hija tilfet kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tar-rikorrenti wara d-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-intimata rrendiet ruhha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu*

*kollha tar-rikorrenti u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond il-ligi. Il-Qorti hija mitluba ukoll tiddikjara li l-intimata tilfet id-dritt taghha li titlob manteniment minghand ir-rikorrenti;*

*9. TIKKUNDANNA lill-intimata tikkonsenja lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna li r-rikorrenti jiġi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

*10. TILLIKWIDA l-krediti parafernali ossia pekuljari tar-rikorrenti u tikkwalifika l-istess bhala krediti ta' l-istess rikorrenti kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti;*

*11. TIDDIKJARA xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma fzewg porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit min dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jiġu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-istess intimata. TIDDIKJARA li l-intimata tilfet kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tar-rikorrenti skond il-ligi u ghandha tigi ddikjarata unikament u esklussivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnha assunti minn dik id-data hawn fuq stabbilita bhala li minnha kienet hatja tal-firda, kif ukoll ghal kull dejn iehor assunt in mala fede, u billi r-rikorrenti jigi akkreditat b'sehmu spettanti mir-rikavat ta' beni appartenenti lill-komunjoni gja mibjugha jew trasferiti f'kaz li l-intimata ma taghtix rendikont soddisfacjenti ta' tali rikavat.*

*Ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*12. TAWTORIZZA lill-istess rikorrenti sabiex jirreġistra ossia jniżżel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.*

*Bl-ispejjez, kompriżi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut,[7] li permezz tagħha eċċepiet:

*1. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel mal-ewwel talba tal-konvenut rikonvenjenti limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, illi rrenda ruhu hati versu l-eccipjenti ta' adulterju, theddid, ingurji u offizi gravi illi wasslu u rrendew il-hajja ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli, kif ukoll minhabba inkompatibilita serja ta' karattri;*

*2. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel mat-tieni talba tal-konvenut rikonvenjenti, u cioe` illi dan ghandu jigi awtorizzat illi jghix separatament minn maghha;*

*3. Illi fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet tal-konvenut rikonvenjenti, l-attrici rikonvenuta teccepixxi umilment illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha, qabel ma tghaddi biex tiddeciedi dwar il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri C u D, u konsegwentement il-kwistjonijiet tal-access u l-manteniment ghall-istess minuri, tisma' lil psikologa Dr. Carmen Sammut illi ghadha kif ikkonkludiet sessjonijiet ta' family therapy illi hija kienet ordnata illi zzomm permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 10 ta' April 2013, mal-familja B;*

*4. Illi s-sitt u s-seba' talba tal-konvenut rikonvenjenti ghall-likwidazzjoni u l-kundanna ta' hlas ta' arretrati ta' manteniment u spejjez ta' sahha u edukazzjoni għall-minuri ghandhom jigu michuda u dan stante illi ghal 3 snin shah, u cioe bejn Marzu tas-sena 2009 meta l-konvenut rikonvenjenti abbanduna lil familtu u d-dar matrimonjali, u l-21 ta' Frar 2012 meta l-konvenut rikonvenjenti rrifjuta illi jirritorna lill-minuri C u D lura d-dar ghand ommhom wara illi kien hadhom ghall-access miftiehem bejnu u bejn martu, u zammhom ghandu b'forza u kontra r-rieda tal-eccipjenti, huwa qatt ma kkontribwixxa xejn ghall-manteniment tal-istess minuri. Kwindi kien l-obbligu tal-konvenut rikonvenjenti illi*

[7] Fol. 39.

*jmantni lil uliedu ghal dawn l-ahhar tliet snin skond il-Ligi. Inoltre, l-eccipjenti prezentement ma tahdimx u m'ghandhiex mezzi biex tmantni lil uliedha, u dan minhabba ragunijiet illi ser jigu spjegati lil dina l-Onorabbli Qorti fid-dettall aktar 'il quddiem u kwindi l-ebda manteniment m'huwa dovut minnha skond il-Ligi;*

*5. Illi t-tmien talba tal-konvenut rikonvenjenti ghandha tigi michuda u dan stante illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodici Civili citati mill-istess konvenut rikonvenjenti ghandhom effettivament jigu applikati kontra tieghu wara illi dina l-Onorabbli Qorti tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut rikonvenjenti ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet msemmija. Inoltre, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi l-konvenut rikonvenjenti tilef ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta huwa irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici rikonvenuta, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l- Artkolu 3 tal-Kodici Civili.*

*6. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel mad-disa' talba tal-konvenut rikonvenjenti;*

*7. Illi l-ghaxar talba tal-konvenut rikonvenjenti ghandha tigi michuda stante illi l-konvenut rikonvenjenti m'ghandu l-ebda dritt fuq il-krediti parafernali tal-eccipjenti martu;*

*8. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel mal-hdax-il talba tal-konvenut rikonvenjenti limitatament ghad-dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u ghal-likwidazzjoni u l-qsim tal-istess f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti skond il-Ligi u dan wara illi jigu kkomminati l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-konvenut rikonvenjenti ai termini tal-hames eccezzjoni kif premess. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenjenti illi l-attrici rikonvenuta tigi ddikjarata unikament u esklussivament responsabbli għad-dejn obbligazzjonijiet minnha assunti mid-data illi skond il-konvenut rikonvenjenti, l-attrici rikonvenuta kienet hatja tal-firda u għal kull dejn iehor illi skond l-istess konvenut seta' kien*

*assunt in mala fede b'dan illi l-konvenut jigi akkreditat minn beni appartenenti lill-komunjoni għandha tigi michuda stante illi m'hemmx lok illi l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili jigu kkomminati kontra l-attrici rikonvenuta. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel mat- talba tal-konvenut rikonvenjenti illi jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni tal-assi u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

*9. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel mat-tnax-il talba tal-konvenut rikonvenjenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut;

Rat il-verbal tal-5 ta' Diċembru 2013[8] li bih il-Qorti ħatret lil Dr Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi f'din il-kawża bis-soliti fakultajiet;

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016[9] id-difensur tal-attriċi nforma l-Qorti li l-attriċi mietet fil-mori u għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' iktar seduti;

Rat kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tal-attriċi[10] li mietet fis-16 ta' Frar 2016;

Rat illi fl-1 ta' Novembru 2016[11] il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut sabiex il-Qorti tordna illi l-kawża tgħaddi fil-persuna ta' E F bħala eredi universali tal-attriċi *ai termini* tal-Artikolu 807 tal-Kap 12;

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' April 2017[12] il-Qorti ddifferiet il-kawża *sine die.*

Rat illi permezz ta' digriet tal-10 ta' Awwissu 2017[13] il-Qorti laqgħet it-talba ta' E F sabiex tiġi ri-appuntata l-kawża u l-Qorti appuntat il-kawża għat-2 ta' Novembru 2017;

[8] Fol. 42.
[9] Fol. 1366.
[10] Fol. 1391.
[11] Fol. 1400.
[12] Fol. 1403.
[13] Fol. 1415.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2017[14] il-Qorti ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża;

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2023[15] il-Qorti għalqet il-provi tal-konvenut *stante* li nnutat illi l-aħħar seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju kienet iffissata biex jingħalqu l-provi tal-konvenut u ma deher ħadd;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[16]

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-partijiet iżżewwġu fit-22 ta' Mejju 1998 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, C imwielda nhar l-20 ta' Mejju 2000 u D, imwielda nhar il-15 ta' April 2004. Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tiddikjara li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba adulterju, theddid, inġurji u offiżi gravi *da parti* tal-konvenut, kif ukoll minħabba inkompatibilità serja ta' karattri, tafdalha l-kura u kustodja ta' uliedha u tiffissa retta alimentarja xierqa għalihom filwaqt li tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur fejn l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 66C tal-Kap 16;

[14] Fol. 1419.
[15] Fol. 1600.
[16] Verbal tat-23 ta' Jannar 2024 a. fol. 1603.

2. Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser minħabba adulterju, theddid, inġurji u offiżi gravi *da parti* tal-konvenut, kif ukoll minħabba inkompatibilità serja ta' karattri;

3. Tafda lilha l-kura u kustodja ta' uliedhom u tiffissa retta alimentarja xierqa għalihom li titħallas lilha mill-konvenut, kif ukoll tordna lill-konvenut jikkontribwixxi għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess ulied;

4. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti eżistenti bejn il-partijiet okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16;

6. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix fid-dar matrimonjali, *ossia* l-fond fl-indirizz Fairy Bluebird, Triq il-Gellewza Sewda Attard ad eskluzjoni tal-konvenut u f'każ li din it-talba ma tintlaqax id-dar titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq liberu bil-kundizzjonijiet neċessarji;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti;

8. Tiddividi l-ġid komuni li ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida l-assi parafernali u dotali tal-attriċi, tassenjahom lilha u tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi dawk il-beni u l-krediti parafernali u dotali tagħha.

9. Tiddikjara li l-fond bl-indirizz X, Triq il-X, Attard m'għandux jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u tordna lill-konvenut sabiex sa mhux aktar tard mid-data tas-sentenza jivvaka minn kull proprjetà appartenenti l-komunjoni jew miżmuma in komuni bejn il-partijiet;

10. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreverti għall-kunjom xbubitha ossia "H".

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jaqbel li jkun hemm dikjarazzjoni dwar il-ħall taż-żwieġ u li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet huwa joġġezzjona illi: (i) jiġi atribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, (ii) il-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi għaliex it-tfal ilhom jirrisjedu miegħu volontarjament sa minn Frar 2012 (iii) ulied il-partijiet jirrisjedu mal-attriċi u li jitħallas manteniment għall-istess minuri, (iv)jivvaka mill-proprjetà tas-Siġġiewi għaliex jitlob li din tiġi assenjata lilu, u (v) li għandhom jiġu applikati fil-konfront tiegħu dawk is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi. Huwa jintavola kontro-talba fejn jitlob illi l-Qorti:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi ħtija tal-attriċi rikonvenzjonata u tawtorizzah jgħix separatament minnha;

2. Tordna li jiġi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri aħwa B, salv għal aċċess determinata mill-Qorti u tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tħallas manteniment xieraq għall-minuri filwaqt li tħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tagħhom u tillikwida arretrati ta' manteniment li hija naqset milli tħallas;

3. Tapplika kontra l-attriċi rikonvenzjonata l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16;

4. Tiddikjara terminata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni jiġu maqsuma f'żewġ ishma b'konsiderazzjoni li l-attriċi rikonvenzjonata hija ħatja tal-firda;

5. Tordna lill-attriċi rikonvenzjonata sabiex tikkonsenja lill-konvenuta l-oġġetti kollha parafernali tiegħu li jistgħu jinsabu fil-pussess tiegħu u tillikwida l-krediti parafernali tiegħu kontra l-komunjoni tal-akkwisti;

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

Jirriżulta mill-proċess illi l-partijiet akkwistaw l-annullament mit-Tribunal Metropolitan Ekkleżjastiku għalkemm din is-sentenza qatt ma ġiet esebita in atti. Madanakollu l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet **E F vs Avukat Ġenerali et**[17] fejn ġie dikjarat illi ż-żwieġ tal-konjuġi kien ġie dikjarat null mit-Tribunal Metropolitan permezz tad-deċiżjoni datata 29 t'Awissu 2014, li kienet ġiet ikkonfermata fl-appell ta' dik il-proċedura permezz tas-sentenza datata 5 t'Awwissu 2015, iżda liema proċedura baqgħet ma ġietx reġistrata kif trid il-Liġi nostrali u li minnha rriżulta dak li ġej.

Fid-deċiżjoni ta' annullament ta' żwieġ imsemmija, it-Tribunal Metropolitan kien ikkonkluda illi t-tort tan-nullità ta' żwieġ ta' bejn A B u G B kien unikament ta' G B, tant illi kemm in prim'istanza u kemm fl-appell, it-Tribunal Metropolitan impona l-vetitum fuq G B, li għalhekk ġie projbit milli jerġa' jikkontratta żwieġ kattoliku ieħor. Sfortunatament, A B ġiet nieqsa qabel ma laħqet ġiet irreġistrata l-imsemmija deċiżjoni t'annullament tat-Tribunal Metropolitan u E F bħala l-eredi universali tal-attriċi pprova jirreġistra s-sentenza tal-annullament iżda l-Qorti tal-Appell ċaħditlu t-talba u għalhekk infetħet dik il-kawża kostituzzjonali.

Fl-istess sentenza ntqal illi skont l-Att Dwar iż-Żwieġ, u senjament skont l-Artikolu 23, deċiżjoni ta' annullament ta' żwieġ kattoliku mogħtija mit-Tribunal Metropolitan għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istat Malti u mar-reġistrazzjoni tagħha jkollha effett daqs li kieku kienet sentenza *res judicata* mogħtija mill-Qrati Ċivili. *Inoltre*, skont l-Artikolu 28, il-Qorti tal-Appell hija pprojbita milli tidħol fil-mertu tal-każ li wassal għad-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan, u għandha s-setgħa biss li taċċerta jekk jeżistux il-ħtiġijiet rikjesti fl-istess Att sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni mitluba. Skont l-Artikolu 20 (3) tal-Att Dwar iż-Żwieġ (Kap 255) meta żwieġ jiġi dikjarat null, l-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li kienu jeżistu u japplikaw fir-rigward biss ta' dik il-parti li kienet in *bona fide* u l-ulied. Illi skont il-ġurisprudenza, l-interpretazzjoni li għandha tiġi mogħtija lil dan l-Artikolu hija fis-sens illi dik il-parti li kontra tagħha jiġi applikat l-Artikolu 20(3) titlef il-benefiċċji kollha ta' dak kollu li sar bil-ħila tal-parti l-

[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2023 (Rik. Ġur. Nru 61/2019 AF).

oħra. Għalhekk, l-applikazzjoni *o meno* ta' dan l-artikolu fis-sentenza ta' separazzjoni għandha import patrimonjali sostanzjali, u l-E F, bħala eredi ta' A B kellu interess li jara li dan l-artikolu jiġi applikat kontra G B.

Tgħid iżda l-Qorti f'din is-sentenza illi:

*"Għad illi s-sanzjonijiet riflessi taħt l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 isibu applikazzjoni f'kuntest fejn iż-żwieġ ġie annullat, fl-istess waqt il-Qorti tfakkar li anki jekk iż-żwieġ ċivili bejn Anne Marie B u G B għadu ma ġiex annullat, u anki jekk is-sentenza tat-Tribunal Metropolitan ma ġietx reġistrata b'tant illi* ***allura dak l-annullament m'għandu ebda effett ċivili****,* ***jibqa' l-fatt illi hemm diversi sanzjonijiet li jistgħu isibu applikazzjoni fil-konfront ta' min mill-miżżewġin ikun jaħti għat-tkissir taż-żwieġ. Naturalment dan mhuwiex il-forum idoneu biex jissindika l-mertu tas-separazzjoni. Lanqas ma jinċidi fuq dawn il-proċeduri l-mertu tas-separazzjoni****.*

*ii. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Appell diġa ppronunzjat ruħha fuq id-dritt li l-attur jippretendi li għandu. Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Apell hija ċara għall-aħħar: l-attur ma jgawdi ebda jedd qua eredi sabiex jitlob ir-reġistrazzjoni tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-fatt ċaħdet it-talbiet ta' E F u għalhekk l-annullament qatt ma ġie reġistrat għal finijiet ċivili. Il-Qorti allura ma tistax tieħu konjizzjoni tal-annullament u sejra tgħaddi biex bil-provi li għandha quddiemha tieħu konjizzjoni tat-talbiet kollha attriċi, kif ukoll dawk rikonvenzjonali, inklużi dwar l-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16.

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:</u>*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit preżentat fl-atti permezz ta' Nota tat-12 ta' Awwissu 2014[18]. Hija tgħid li ltaqgħet mal-konvenut fis-sena 1990 meta kellha għoxrin sena u mill-bidu tar-relazzjoni l-konvenut kien jgħir għaliha u fil-fatt wara inċident mal-*general manager* ta' kumpanija li magħha kienet taħdem fejn il-konvenut qaleb il-mejda fuq il-manager tal-

---

[18] Fol. 1214.

attriċi, hija kellha titlaq mix-xogħol. Hu ma kienx jieħu pjaċir li taħdem hemm minħabba l-irġiel li kienu jaħdmu fil-kumpanija. Issemmi wkoll inċident ieħor ma' kumpanija oħra fejn darba kienet damet ix-xogħol u waqt *board meeting* huwa mar għall-għarrieda u daħal dritt fil-*board room* b'ħadida f'idu. Minn dakinhar biex ma titlifx xogħolha, għax tant kienet tibża' li l-konvenut jerġa' jagħmel xi ħaġa simili, kienet tara kif tagħmel u tmur id-dar fil-ħin.

Tgħid li għamlet żmien taħdem għal żewġ kumpaniji, bħala segretarja ma' *Afrimpex Limited* u bħala *general manager* ma' *Montanta Trading Company Limited.* Tgħid li ma' kull *business deal* li kienet tagħmel din l-aħħar kumpanija kienet taqla' *commission* apparti l-paga fissa li kellha kull xahar. Tgħid li hemm tgħallmet tmexxi kumpanija u rebħet kemm-il kuntratt għall-Kumpanija. Il-konvenut kien għamililha ċara li jekk issiefer fuq xogħol u tiltaqa' man-nies ir-relazzjoni tagħhom tispiċċa.

Fi żmien l-għerusija l-attriċi tgħid li kienet tħossha importanti ħafna għall-konvenut u kienet taħseb li jħobbha. Tgħid li qatt ma raqdu flimkien qabel iż-żwieġ minħabba twemmin reliġjuż li hija kibret fih, madanakollu l-konvenut lanqas ibusha ma kien ikun irid wisq. Tgħid li tħares lura qisu kellu bruda lejha, filwaqt li kellu difett li jirrabja malajr ħafna. Tgħid li darba meta oħtha kellha tmien snin din kienet għand ħabiba tagħha u kienet qagħdet imqarba u l-konvenut kaxkara mingħand seħbitha għad-dar u wara li żżewwġu ommha qaltilha li dakinhar lil oħtha kien anke issussaha mal-ħajt minn għonqha. Fil-fatt tgħid li taħseb li din kienet ir-raġuni għalxiex bilkemm kellu ħbieb u kien jagħtiha l-impressjoni li anke l-familja tagħha kienet iddejqu iżda hi kienet tħobbu wisq biex titilqu.

Tgħid li ż-żwieġ ġie ikkunsmat biss xahrejn jew tlieta mit-tieġ u dan b'insistenza tagħha għaliex qas setgħet temmen li żewġha kien qed jirrifjuta l-intimita` daqshekk kmieni fiż-żwieġ. Tgħid li fiż-żwieġ il-konvenut aċċetta li jkun intimu magħha mhux aktar minn ħdax-il darba u dejjem ta' malajr u meta twieldet it-tifla l-kbira C, madwar sentejn wara ż-żwieġ ma baqgħux jorqdu flimkien għaliex il-konvenut beda jmur jorqod fil-kċina. L-iskuża tiegħu kienet li kien ikun irid iqum kmieni jitma l-għasafar u jmur għax-xogħol. Tgħid li tħossha xxurtjata li fil-ftit drabi li kienu intimi nqabdet tqila darbtejn.

Tkompli, li apparti l-problemi intimi, żewġha kien jagħmlilha ħajjitha fiż-żwieġ infern. Tgħid li kien iċemplilha mal-għoxrin darba x-xogħol kuljum u jekk ma tweġbux mil-ewwel jibda jitkellem ħażin, kien jgħajjarha miġnuna, jgħajjarha li ma hi tajba għalxejn lanqas biex tnaddaf u li moħħha qiegħed hemm biss bħala dekorazzjoni. Tgħid li kien ifittixha għal ħaġa waħda biss, biex jitlobha l-flus. Il-kumpanija *Montana Trading Company Ltd.* lilha kienet trendilha dħul sostanzjali iktar minn żewġha, li kien jaħdem bħala skrivan il-bank. Tgħid li kienet tixtrilu kull ma jrid biex tikkuntentah għaliex kienet tittama li r-relazzjoni tagħhom b'hekk tmur għall-aħjar. Xtratlu anke rigali kbar bħal *Mazda 323 Sports* u *Escort Convertible*. Kienet ukoll tiffirmalu *cheque* wara *cheque* biex jixtri għasafar eżotiċi, filwaqt li hu lanqas kien iħallas spejjeż tal-ħajja fiż-żwieġ. Kull ma kien iħallas hu kien kwantità kbira ta' frott u ikel għall-għasafar. Sakemm beda jipprovdi hu, l-attriċi tgħid li kienet tipprovdilu madwar sittin Ewro (€60) kull ħmistax għal dawn l-għasafar.

Fl-2005 iż-żewġ kumpaniji li l-attriċi kienet taħdem magħhom bdew sejrin lura minħabba l-proċeduri tat-tneħħija tas-sanzjonijiet tal-*embargo* sa ma fl-2006 il-kumpaniji kellhom jagħlqu għaliex in-negozji Libjani issa kienu bdew jixtru għal rashom minflok ma jużaw kumpaniji intermedjarji. Tgħid li sewwdet ħafna qalbha għaliex ix-xogħol tagħha kien għal qalbha ħafna. Sostenn mingħand il-konvenut ma sabet xejn, anzi meta spiċċat mingħajr impjieg u ma kellhiex flus aktar, iktar beda jsir kattiv magħha.

Fl-2006, fl-istess żmien li waqfet taħdem, il-konvenut minn *clerk* sar *manager* f'interview wieħed u l-attriċi tgħid li tħoss li bl-attitudni tiegħu lejha kien juriha li jobgħodha. Beda wkoll joħroġ waħdu filgħaxijiet. Dam ħafna għaddej hekk sakemm ġie żmien li l-attriċi tgħid li riedet tkun taf x'qed isir minn wara dahrha u b'hekk bagħtet lil oħtha u lir-raġel tagħha warajh u saret taf li rawh ma' mara li kienet taħdem miegħu. Il-konvenut innega dan iżda meta fir-rabja qaltlu jitlaq hu sempliċement ippakkja u mar joqgħod fi proprjetà oħra li kellhom fis-Siġġiewi. Dakinhar stess hi qaltlu jmur lura iżda hu qalilha li aħjar jibqa' hemm. Imbagħad kien imur id-dar kull filgħodu jinħasel u jħalli l-ħwejjeġ maħmuġin biex taħsilhomlu l-attriċi. Wara x-xogħol imbagħad kien imur id-dar u joħroġ lit-tfal, ħafna drabi lill-kbira biss għaliex liż-żgħira ftit li xejn kien jagħti kasha,

imbagħad imur jiekol u jerġa' jitlaq. Dun Pawl Camilleri mill-Moviment ta' Kana tgħid li kien qalilha li l-konvenut ma ried għajnuna mingħand ħadd u Dr Charles Camilleri tgħid li qalilha li kien hemm bżonn miraklu biex issalva ż-żwieġ. Tgħid li minkejja dan kollu, fejn żewġha lanqas biss kien qed joqgħod magħha, l-attriċi tgħid li xorta baqgħet tittama li ssalva ż-żwieġ. Tgħid li tant kienu affetwawha kliem żewġha matul is-snin, fejn kien jirrepetilha li ma hi tajba għal xejn, li verament kienet bdiet temmen dan u ma kinitx tħoss li tista' tagħmel deċiżjoni anke wara li qabditu ma' J.

Tgħid li l-konvenut kien jagħmlilha ħajjitha miżerja. Kien *"jinkini u jaħqarni".*[19] Kien imur id-dar minn ħdejn l-annimali u jimla d-dar apposta bit-tajn u s-silla u jerfa' jdejh fuqha. Tgħid li dawn l-affarijet ma għamilhom qatt tul iż-żwieġ tagħha, qabel ma beda r-relazzjoni tiegħu barra ż-żwieġ. Tgħid li *"Niftakar okkazjoni partikolari fejn kaxkarni 'l barra mill karozza tiegħi minn ghonqi, darba litteralment qabez fuqi bit-toqol kollu tieghu, darb'ohra lewieli l-ghaksa ta' sieqi, u minjaf kemm-il darba bezaqli. F'wahda minn dawn id-drabi illi bezaqli, jiena pprovajt niddefendi ruhi, izda G qabadni minn qaddi, ghollieni u telaqni fl-art. Gejt irkobtejja u domt gimghat mimlija tbengil."*[20] Tgħid li madanakollu ftit ħadet passi kontrih għax kienet tibża' minnu. Tgħid li kien jinsulenta lilha u l-familjari tagħha bi kliem oxxen u li darba saħansitra ħebb għal ommha u baqgħet trawmatizzata tant li din baqgħet sejra lura u f'Jannar 2012 soffriet puplesija.

Fit-3 ta' Settembru 2020 tgħid li ddeċidiet li tmur wara l-konvenut hi stess u kriet karozza u marret ma' oħtha u r-raġel tagħha u rawh ma J J li kienu rawh magħha sentejn qabel. Tgħid li dawn marru jieklu l-Birgu u meta ġew lura lejn il-karozza hi bdiet tieħu r-ritratti kif setgħet u tgħid li l-konvenut attakka r-raġel t'oħtha u prova jeħodlu l-camera. Minkejja dan kollu tgħid li lill-konvenut baqgħet tħobbu però tgħid li tant kien iħawwad u jigdeb li ma kinitx tafdah.

Baqa' għaddej iż-żmien u tgħid li madwar tliet snin wara li żewġha kien telaq mid-dar, bdiet tagħmel kuraġġ u toħroġ ftit. F'Novembru 2011

[19] Fol. 1229.
[20] Fol. 1229.

kienet iltaqgħet ma' E F u miegħu bdiet relazzjoni. Tgħid li l-konvenut minn naħa tiegħu kien ilu ma' Anne Marie J mill-2008 meta kienu għadhom joqgħodu taħt l-istess saqaf. Tgħid li kien biss wara li ħadilha t-tfal li għamlet kuraġġ u bdiet proċeduri bil-Qorti u ftit xhur wara fil-31 ta' Lulju 2012 il-Qorti ordnat lill-konvenut jiżgombra mid-dar f'Ħ'Attard mingħajr ma jkollu aċċess lanqas għall-garaxx taħt l-istess dar. Beda wkoll jheddidha li ser jitlaq mix-xogħol u qatgħaha minn fuq il-*Health Insurance* mal-Bupa mingħajr ma qalilha u meta hi ma kellhiex biex tħallas *health insurance* għaliha.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tressaq is-segwenti provi:*

*Ix-xhieda ta' K H ossija oħt l-attriċi permezz ta' affidavit intavolat ma' dak tal-attriċi*[21] fejn tgħid li hi kienet għada żgħira meta oħtha iltaqgħet mal-konvenut iżda li hi mil-ewwel kienet tħoss li l-konvenut kien stramb u li ma tantx kien iħobb lill-familja tagħhom. Tirrakkonta li darba kienet qed tilgħab għand xi ġirien u meta għajjtitilha ommha, il-konvenut kien qiegħed barra jistenna u hi ma obdietx. Tgħid li hu mar u kaxkarha d-dar u meta kienet ġewwa qabadha minn għonqha u ssussaha mal-ħajt. Tgħid li lil oħtha ma kienet qaltilha xejn imma għalkemm kellha biss disa' (9) snin għajnejha għorkitha minnu.

Tgħid li oħtha damet għarusa ma' G tmien snin u li f'dan iż-żmien kienet taqla' ħafna mix-xogħol u lil G kienet tixtrilu eluf ta' liri f'għasafar u kienet anke xtratlu żewġ karozzi. Tgħid li ftit qabel iżżewwġu l-konvenut xtara *maisonette* wara li oħtha tatu xi flus għalih, però huwa poġġa din il-proprjetà fuq ismu biss. Meta żżewwġu mbagħad tgħid li kien fadal ħdax-il elf liri Maltin (Lm11,000) *loan* li oħtha ħallset mill-introjtu tagħha biss u anke xtrat l-għamara tal-istess *maisonette.*

Tgħid li oħtha qaltilha bl-inkwiet li kellha fiż-żwieġ snin wara għalkemm l-inkwiet kien beda mill-bidu. Tgħid li oħtha kienet qaltilha wkoll li kien biss wara xi xahrejn li kienu kkunsmaw iż-żwieġ u hemm hi bdiet tifhem għaliex fl-ewwel ftit xhur taż-żwieġ kienet tara lil oħtha kwieta u qisha fis-sħab. Tgħid li huma kienu jibżgħu minn G għaliex dejjem jgħajjat u jagħmel ix-xenati u missierha kien imur lura d-dar imdejjaq wara li jkun

[21] Nota tat-12 ta' Awwissu 2014 a. fol. 1214

mar għand oħtha. Tgħid li missierha kien jgħid li meta G kien jarah kien jibda jsabbat u għalhekk kien ikollu jispiċċa jitlaq. Tgħid li tiftakar li meta mbagħad miet missierha, oħtha kienet tqila bit-tifla l-kbira u kienet tgħidilha li G kien jgħidilha li jekk tibki u tagħmel ħsara lit-tarbija kien ser iżommha responsabbli. Tgħid li oħtha kienet tadurah lil missierha u kienet tqatta' ħafna ħin miegħu għaliex kien imur jgħinha anke fuq ix-xogħol meta ħa l-pensjoni.

Tgħid li oħtha kienet tagħmel flus sew u xtrat biċċa art mingħajr *loan*. Din l-art kienet tmiss mad-dar tal-ġenituri tagħhom u missierhom kien jikriha mingħand il-Kurja. Tgħid li fil-fatt oħtha xtrat din id-dar biex toħroġhom mill-inkwiet għaliex missierhom kienet qabditu d-*dimentia* u tgħid li mingħaliha li biegħ xi parti minnha lil xi ħadd mingħajr ma seta' u fil-fatt imbagħad l-art kienet waqgħet f'idejn il-gvern u oħtha xtratha mingħand il-*Joint Office* għall-prezz ta' xi sittin elf lira Maltin (Lm60,000) *cash.* Il-parti li kienet inbiegħet minn missierha kienet baqgħet nieqsa. Wara li missierhom ġie nieqes imbagħad hi u ommha kienu taw biċċa mill-ġnien ta' mad-dar tagħhom lil oħtha b'donazzjoni ħalli jkollha fejn tibni. Hi diġà kellha parti minn dan il-ġnien mill-wirt ta' missierha. Tgħid li tiftakar li oħtha kienet tgħidilhom li l-konvenut kien jgħidilha li hu jmur joqgħod fil-post li kienet qed tibni jekk tixtrilhu post ieħor fejn iqiegħed l-annimali u l-għasafar tiegħu illi kien il-ħin kollu jixtri bi flus li kienet ittih oħtha stess.

Tgħid li għal darb'oħra oħtha kienet ikkuntentatu u xtratlu tliet tomniet raba' fis-Siġġiewi illi hu kien tefa' għajnejh fuqhom. Oħtha kienet ħallset din il-proprjetà minn flus *cash* li kienet qalgħet hi mix-xogħol tagħha u fil-fatt l-unika *loan* li kellhom jieħdu kien biex jimlewha. Tgħid li wara din l-ispiża, il-konvenut ried ukoll żiemel u maż-żmien xtratlu wkoll ħmar, mogħoż, ngħaġ u pappagalli li jiswew eluf ta' Ewro. Fil-fatt oħtha kienet qaltilha li kienet nefqitlu madwar ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000) f'annimali u li ma kinitx tiflaħ tiżborzja iktar flus. Biex lestitlu l-post tas-Siggiewi kienet nefqet madwar sebgħin elf liri Maltin (Lm70,000) u xtratlu wkoll van *Toyota Pick Up.* Kellhom imbagħad jieħdu *loan* sabiex jimlew id-dar ta' Ħ'Attard. Tgħid li oħtha kienet tgħidilhom li kienet tħallas il-kontijiet tad-dar kollha hi bl-*insurances* tad-dar u tal-karozza b'kollox u tgħid li oħtha kien jiddispjaċiha li l-konvenut ma jikkontribwixxix għaliex

kienet tħossha mirkuba. Tgħid li kienet tidher imdejjqa u l-ħin kollu tibki. Meta miet missierha kienet bdiet tieħu lil ommha x-xogħol u għamlet *nursery* fejn kienu joqgħodu t-tfal waqt li hi taħdem.

Tgħid li fl-2007 oħtha kienu marru joqgħodu fid-dar li bnew ħdejhom u tgħid li kienu jisimgħu ħafna għajjat u tgħajjir minn naħa tal-konvenut. Ftit wara oħtha kellha tieqaf taħdem għaliex il-kumpanija li kienet taħdem magħha falliet u meta oħtha staqsiet lill-konvenut kif kien ser imantni l-annimali bil-paga tiegħu biss, hu qatalha jdejh u qalilha li mhux ser jagħtiha flus minn tiegħu u li jekk trid il-flus kellha toħroġ taħdem. Tgħid li kien hemm inċident fejn lilha stess il-konvenut qabadha minn idha u għawwieġielha u hi qaltlu li jekk ma jitlaqhiex kienet sejra l-Għassa.

Tgħid li fis-sena 2008 oħtha kienet issuspettat li l-konvenut kellu wiċċ ħaddieħor u hi riedet tkun ċerta u marru hi u r-raġel warajh bil-karozza u rawh ma' mara oħra u qalu lil oħtha l-attriċi. Oħtha affaċjat lill-konvenut u hu telaq mid-dar u kien imur filgħodu biex joħdilha l-ħwejjeġ maħmuġin. Tgħid li kienu jisimgħu ħafna għajjat u twerżieq u tgħid li kienu jmorru anke l-Pulizija. Tgħid li oħtha kienet issaqsih x'qed imur jagħmel id-dar issa li telaq u hu kien isir vjolenti magħha u żgur li weġġgħaha sew tliet darbiet. Tgħid li oħtha kienet tibża' minnu u ma kinitx tirraporta iżda l-ġirien kienu jċemplu lill-Pulizija. Tgħid li hi kienet tmur u ssib lit-tfal jibku. Madanakollu tgħid li oħtha dejjem kienet lesta li taħfer lill-konvenut.

Tgħid li oħtha l-attriċi tant kienet dejjem tittama li jsalva ż-żwieġ li iffirmatlu għal xi flus biex iservu ta' *pledge* fuq il-post tas-Siggiewi sabiex ikun jista' jieħu *loan* u jlestih kif jixtieq. Sal-lum dawn il-flus għadhom ibblokjati fuq din il-*loan* u ma tista' tuża' xejn minnhom. Ftit wara t-tifla l-kbira kienet qaltilhom li l-konvenut ħariġha ma' mara oħra u fit-3 ta' Settembru 2009 tgħid li ddeċidew li jikkonfermaw jekk kienx minnu li l-konvenut kien qed jiltaqa' ma' mara oħra u għalhekk marret ma' oħtha jfittxuh fejn sabuh il-Mosta minn fejn ġabar lil mara jisimha J J u li kienet taħdem miegħu. Tgħid li baqgħu sejrin warajhom il-Birgu fejn kienu marru jieklu u f'ħin minnhom oħtha ħarġet u ħaditilhom ir-ritratti f'wiċċhom. Tgħid li dak il-ħin il-konvenut irvilla u attakka lir-raġel tagħha li kien fil-karozza. Beda jipprova joħorġu minn rasu mit-tieqa u bdew

jgħajtu għall-għajjut sakemm irnexxilhom jitilqu. Tgħid li kienu fittxew *Hi5* u sabu ritratti ta' din il-mara maż-żiemel tat-tifla l-kbira C u li t-tifla kienet bkiet tara lil din il-mara biż-żiemel tagħha. Minn dak iż-żmien tgħid li l-konvenut sar iktar vjolenti u kien jinsulenta anke ħafna lilhom u darba attakka lil ommhom u din tant kellha nkwetat li ftit wara anke taha *stroke.* Tgħid li l-għajjat fid-dar kien dejjem jiżdied. Tgħid li oħtha kienet anke tinnota li t-tifla l-kbira li kienet tqatta' ħafna ħin ma missierha kienet saret tirrispondi ħafna u lsienha beda jniggeż. Mil-bqija iżda tgħid li t-tfal kienu *close* ħafna ma' ommhom u anke magħhom u t-tifla ż-żgħira kienet tkun dejjem imwaħħla ma ommha għaliex il-konvenut ma kienx jeħodha miegħu bħal ma kien jieħu lil kbira.

Tgħid li oħtha kienet fi stat ħażin ħafna, dejjem weħedha u tibki għal erba' (4) snin sħaħ. Tgħid li kienet toħroġ biss biex titrenja t-*Tennis* u tant kienet ħażin li darba anke ttentat suwiċidju. Tgħid li hi bdiet tinkoraġġiha b'kull mod biex toħroġ u fil-bidu ta' Diċembru 2011 tgħid li oħtha bdiet relazzjoni ma' E F.

Tkompli illi l-konvenut kien jaf b'F wara inċident li kellha oħtha meta waqgħet il-baħar bil-karozza u meta F ħadha lura d-dar u xtaq jibqa' magħha sakemm jirritornaw it-tfal li kienu barra ma' missierhom. Meta mar lura u sabu hemm kien attakkah, beda jgħajjru u talbu l-flus, reġa' qabad it-tfal u ħadhom miegħu u qalilhom li ma jistgħux jgħixu ma' raġel ieħor minkejja li hu kien ilu jgħix ma' J J. Meta ħadilha t-tfal tgħid li oħtha ma kinitx taf x'ħa taqbad tagħmel. Tgħid li mbagħad talabha manteniment minkejja li t-tfal kienu ilhom tliet snin joqgħodu magħha u qatt ma talbitu xejn. Tgħid li oħtha dak iż-żmien ma kinitx taħdem għaliex kienet tieħu ħsieb lil ommhom sakemm tirritorna hi mix-xogħol. Hu żamm ukoll iċ-ċwievet tal-garaxx għalih u oħtha ma setgħetx imqar tikrih biex ikollha ftit intorjtu. Dan il-garaxx kien wasal għandha b'wirt ta' missierhom.

Tgħid li għalkemm kulħadd kien jipprova jiftaħ għajnejn oħtha għall-inganni tal-konvenut, hi ma kinitx temmen sa fejn jasal u tgħid li llum oħtha hija mara mkissra.

*<u>Il-konvenut ma jippreżentax provi dwar it-tortijiet tat-tifrik taż-żwieġ.</u>*

Il-Qorti tara li, anke *nonostante* t-talbiet rikonvenzjonali tiegħu, il-konvenut ma ressaqx provi fir-rigward it-tifrik taż-żwieġ.

*Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

Artikolu 66D(3) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar id-divorzju mogħti fuq talba ta' waħda mill-persuni miżżewġin:

*"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni".*

*Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Jingħad ukoll b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Nancy Caruana vs Odette Camilleri**[22] illi: *"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui*

[22] 13 ta' Frar 2001.

*dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

Il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tħoss li teħtieġ tagħmel sabiex tasal għal deċiżjoni f'din il-kawża neċessarjament iridu jibdew minn eżami tar-riżultanzi bl-iskop li tiġi determinata l-ħtija għall-firda li seħħet bejn il-kontendenti. Dan anke għaliex tali ħtija jista' jkollha effetti patrimonjali bejn il-kontendenti.

L-attriċi taddebita lill-konvenut adulterju, theddid, inġurji u offiżi gravi u wkoll inkompattibilità ta' karattru. Il-konvenut jaddebita lill-attriċi eċċessi, sevizzi, theddid u offiżi gravi b'mod li rrendiet il-ħajja konjugali impossibli.

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson,**[23] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[24] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[25] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja*

[23] Deċiża mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru 1677/1995/RCP).
[24] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru 1677/1995/RCP]).

*komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Fadda jgħallem id-differenza bejn eċċessi u sevizzi u jgħid illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[26] Mill-banda l-oħra, *"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[27]

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[28] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[29] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[30]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[31]

## *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

[26] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.

[27] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

[28] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Frar 1969.

[29] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[30] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[31] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[32] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[33].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[34] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

Għalkemm il-konvenut jirribatti t-talbiet tal-attriċi fir-risposta ġuramentata tiegħu u permezz ta' kontro-talba jitlob lill-Qorti tippronunzja s-separazzjoni ta' bejniethom minħabba tortijiet tal-attriċi, huwa ma jġibx provi fuq l-istess f'din il-kawża u ma kuntrarjax il-verżjoni tal-attriċi permezz ta' xhieda minn naħa tiegħu jew xi xhieda oħra. Il-Qorti tosserva wkoll li lanqas ma sar il-kontro-eżami ta' l-attriċi *in contradittorio.* Il-Qorti għalhekk għandha biss quddiemha l-verżjoni tal-attriċi, ikkorroborata mill-verżjoni ta' oħtha.

Il-Qorti tħoss illi x-xhieda tal-attriċi hija waħda dettaljata li fiha tirrifletti l-ħajja tal-kontendenti miżżewġin, li sfortunatament mill-bidu tagħha tidher li ma kinitx waħda feliċi.  Jirriżulta mill-affidavit tal-attriċi li l-konvenut ma kienx interessat wisq fl-attriċi meta mill-bidu nett il-ħajja intima ta'

[32] Artikolu 38 tal-Kap 16.
[33] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).
[34] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2011, (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).

bejniethom kienet waħda skarsa u ż-żwieġ dam ma ġie kkunsmat madwar xahrejn anke jekk marru *honeymoon* ta' tnax-il ġurnata u meta kellhom x'jaqsmu flimkien dan ma kienx fuq xewqa tal-konvenut iżda minħabba insistenza tal-attriċi li fil-fatt tgħid "*kont niffittah ghal granet shah"*.[35] Tant kienet skarsa l-ħajja intima tal-kontendenti li l-attriċi tgħid li "*Tabilħaqq inhossni xxurtjata illi f'dawk il-ftit drabi illi kien hemm intimità bejni u ben G, inqbadt tqila b'uliedi..."*[36] Wara li twieldet it-tifla l-kbira, jiġifieri sentejn biss wara li żżewwġu, l-konvenut lanqas baqa' jorqod mal-attriċi "*żewġi beda jmur jorqod fil-kċina u ftit li xejn qatt rega' gie fis-sodda taghna. Meta kont nipprova nkellmu fuq il-problema, G kien jghidli li l-imhabba tieghu mhux bhal tieghi u li kien jaghmel hekk biex ikun jista' jqum kmieni biex imur jitma' l-ghasafar u biex imbaghad imur ghax-xoghol."*[37]

Minbarra l-bruda lejn l-attriċi jirriżulta wkoll illi l-karattru tal-konvenut kien wieħed ta' *bully* illi jwaqqa' 'l isfel lil dawk ta' madwaru bil-kliem li jgħid u l-ġesti li jagħmel. Tixhed oħt l-attriċi kif meta kien għad kellha disa' snin f'inċident sempliċi fejn ma obdietx lil ommha, l-konvenut, li kien diġà dak iż-żmien beda joħroġ ma' oħtha, kien kaxkara, qabadha minn għonqha u ssussaha mal-ħajt. Jixhdu l-attriċi u oħtha wkoll li kien jgħajjar ħafna lill-familjari tal-attriċi. Għalkemm kif jirriżulta mill-provi l-attriċi kienet *ben rispettata* fuq il-post tax-xogħol, ma jistax jingħad l-istess għad-dar. Tgħid li "*G kien jirrabja, ighajjarni mignuna, li ma jien tajba ghal xejn, lanqas biex innaddaf, u li mohhi qieghed hemm biss bhala dekorazzjoni."*[38]

Fil-fatt tant il-konvenut kien iwaqqa' lill-attriċi illi tgħid li "*is-snin kollha illi kont ghamilt ma' G kienu gabuni qiesni inkapaci niehu decizjoni. Tant kien ighidli li ma kont tajba ghal xejn, li donni sirt nemmen li verament ma kont tajba ghal xejn."*[39] Il-Qorti tinnota b'ħasra kbira dan il-fatt, meta l-attriċi żgur li kienet kapaċi ħafna fil-ħajja fejn fix-xogħol għamlet tant suċċess li kienet iddaħħal *commissions* sostanzjali u kellha pożizzjonijiet ta' dik il-portata fil-kumpaniji li kienet taħdem magħhom. Oħt l-attriċi

[35] Fol. 1226.
[36] Fol. 1226.
[37] Fol. 1226.
[38] Fol. 1227.
[39] Fol. 1229.

tgħid illi meta oħtha marru joqgħodu fid-dar illi bnew ħdejhom "*Konna nisimghu hafna ghajjat ta' G, kien dejjem jghidilha li m'hi tajba ghal xejn."*[40]

Interessanti fil-fatt illi fir-rapport tal-ħaddiema soċjali, Marylyn Agius fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ,[41] il-ħaddiema soċjali tirraporta illi t-tifla tal-partijiet D, li dak iż-żmien kienet għada minuri tgħid illi missierha kien " '*iwaqaha down l-hin kollu jekk tiehu zball.' Dan gara ukoll ma C, spjegat il-minuri, meta kienu barra minn Malta u beda jghajjat maghha ghax hadet zball waqt it-tahrig."*[42] L-istess *traits* ta' karattru tal-konvenut li jilgħabha tal-*bully* mal-attriċi joħorġu biċ-ċar minn dan ir-rapport. Fil-fatt ir-rapport huwa karatterizżat mill-fatt illi t-tfal kienu mwerwrin minn missierhom. C tgħid ukoll illi "*Il-minuri kienet frustrata ukoll meta l-missier kien juri nuqqas ta' fiducja fiha."*[43] Fil-fatt saru visti wkoll ġewwa d-dar li fiha dak iż-żmien kienu jirrisjedu t-tfal ma' missierhom u l-ħaddiema soċjali tgħid li "*Il-minuri D kienet tidher imbezza hafna waqt il-vizta u minkejja li bdew isiru mistoqsijiet dirett lilha hija bhal donnu bdiet tibza titkellem. Infatti ftit li xejn tkelmet waqt din il-vista."*[44] Jgħid ir-rapport illi t-tfal *"jinsabu imbezghin li jesprimu kif ihossuwhom fil-prezenza tieghu minhabba li huwa ragel imprevedibbli. Barra minn hekk, huma ma jafdawx lil missierhom minhabba li huma jhossu li hu gideb kontra ommhom. Il-minuri ukoll, waqt il-vizta fid-dar taghhom evitaw li jharsu f'ghajenjn missierhom u jitkelmu fil-prezenza tieghu."*[45] Tgħid li dan b'kuntrast ma' meta saret vista għand ommhom, li dak iż-żmien kienet qed tieħu l-kura l-isptar, fejn il-minuri kienu jidhru komdi, ferħana u kuntenti.

Il-Qorti tħoss li dan ir-rapport jikkorabora x-xhieda tal-attriċi li l-konvenut kien jitrattaha b'dak il-mod u li kien kissrilha l-fiduċja fiha nnifisha. Tikkonkludi fil-fatt il-ħaddiema soċjali illi "*l-missier jidher li huwa jhobb jezerċita kontroll fuq is-sitwazzjonijiet u l-individwi."*[46]

---

[40] Fol. 1218.

[41] Rapport ppreżentat fit-28 ta' Settembru 2015 a. fol. 1339.

[42] Fol. 1342.

[43] Fol. 1343.

[44] Fol. 1352.

[45] Fol. 1355.

[46] Fol. 1356.

Barra minn hekk l-attriċi tgħid li l-aġir tiegħu baqa' sejjer għal l-agħar speċjalment meta donnu nduna li ma kienx hemm iktar x'jixrob finanzjarjament mill-attriċi li kienet tilfet xogħolha mal-kumpaniji li kienu qed irendula qliegħ sostanzjali. Tgħid li beda jiżdied ukoll l-abbuż fiżiku "*Kien jinkini u jahqarni; jigi d-dar minn hdejn l-annimali u jimla d-dar apposta bit-tajn u s-silla – gieli kelli nahsel l-art darbtejn. F'dan l-istadju, G tant iggrava illi kull meta kien jitlaghlu, beda jerfa' jdejh fuqi. Dawn l-affarijiet ma kien ghamilhom qatt matul iz-zwieg taghna, qabel ma beda r-relazzjoni tieghu barra z-zwieg. Niftakar okkazjonijiet partikolari fejn kaxkarni 'l barra mill-karozza tieghi minn ghonqi, darba litteralment qabez fuqi bit-toqol kollu tieghu, darb'ohra lewieli l-ghaksa ta' sieqi, u minjaf kemm-il darba bezaqli. F'wahda minn dawn id-drabi illi bezaqli, jiena pprovajt niddefendi ruhi, izda G qabadni minn qaddi, ghollieni u telaqni fl-art. Gejt fuq irkobtejja u domt gimgha mimlija tbengil.*"[47] Sfortunatament l-attriċi tgħid li ma kinitx tagħmel rapporti għaliex kienet tant tibża' minn żewġha. Tgħid ukoll oħtha illi "*Niftakar ukoll illi missieri, li ilu mejjet mis-sena 2000, kien jigi qalbu sewda hafna mid-dar ta' ohti wara illi jkun mar jaraha. Kien jghid illi kif jarah G kien jibda jsabbat u ghalhekk kien ikollu jispicca jitlaq. Meta mbaghad ohti kienet urietna bil-problemi taghha ddispjaciena hafna izda ftit stajna nkunu ta' ghajnuna ghaliex hu kien dejjem jghajjat u jaghmel ix-xenati u ahna konna nibzghu minnu. Missieri kien miet fis-sena 2000 u dak iz-zmien niftakar anke lil ohti tghidli li G kien jheddidha illi jekk tibki u taghmel hsara lit-tarbija, ghaliex ohti dak iz-zmien kienet tqila b'bintha l-kbira C, kien izommha responsabbli.*"[48] Tirrakkonta wkoll C lill-ħaddiema soċjali li darba ħadet żball fil-ħin tat-taħriġ u meta ma weġbitx lil missierha u qalilha " *'ghidli ghax insabtek mal-bieba u noqtlok.' Hija baqghet ma tatux risposta u ghalhekk hu ordnalha sabiex toqod gol karozza ghal saghtejn shah minkejja li kienet is-shana.*"[49]

Minkejja dan kollu l-attriċi baqgħet tissaporti u tittama għaliex lill-konvenut kienet tħobbu. Madanakollu l-Qorti tinsab tal-fehma illi dan kollu kien qed ikisser iż-żwieġ ftit ftit għaliex il-konvenut b'dan l-għemil irrenda ruħu ħati ta' theddid, inġurji u offiżi gravi.

---

[47] Fol. 1229.

[48] Fol. 1216.

[49] Fol. 1344.

L-attriċi mbagħad ħasset illi għandha tkun taf x'qed jiġri f'ħajjet żewġha u bagħtet lil oħtha u r-raġel tagħha warajh, kif tixhed oħtha wkoll. Huma jgħidu li rawh ma J J, kif rawh imbgħad darba oħra meta marret magħhom l-attriċi fit-3 ta' Settembru 2010. L-ewwel darba li rawh kien fl-2009 u għalkemm ma tiġi preżentata l-ebda evidenza dwar dan, il-konvenut jirriżulta li baqa' f'relazzjoni ma' din il-mara anke meta ħa lit-tfal jgħixu miegħu. Din il-mara kienet taħdem miegħu. Meta l-attriċi kkonfrontatu fl-2009 l-konvenut beda jinnega iżda mbagħad fir-rabja qaltlu jitlaq u hu sempliċiment ippakja u mar joqgħod fil-proprjetà tas-Siġġiewi fejn baqa' joqgħod anke meta ħa lit-tfal. L-istess J tissemma ħafna fir-rapport tal-Appoġġ bħala s-sieħba tal-missier għaliex it-tfal kellhom ħafna kuntatt magħha meta kienu jgħixu ma' missierhom.

Il-Qorti hija konvinta li din ir-relazzjoni kienet l-aħħar daqqa fiż-żwieġ li l-konvenut kien diġà kisser. L-attriċi kienet taħfer lill-konvenut għal kull att li kien jagħmel iżda b'din ir-relazzjoni adultera l-Qorti tħoss illi l-konvenut kisser kull tama li dan iż-żwieġ jirnexxi u għalhekk kien f'dak il-mument li verament iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment.

Ta' interess partikolari in materja huwa l-pronunzjament tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet **Rita Busuttil *pro et noe* vs Raymond Busuttil** fejn ġie meqjus illi għalkemm il-problemi matrimonjali nibtu b'konsegwenza ta' aġir abbużiv ta' wieħed mill-konjuġi, kienet ir-relazzjoni adultera mibdija ħames snin wara l-firda *de facto* illi kissret iż-żwieġ b'mod irrimedjabbli.

Ir-relazzjoni tal-attriċi ma' E F minn naħa l-oħra jirriżulta li bdiet snin wara u fil-fatt l-attriċi tgħid li kien fl-2011, tliet snin wara li żewġha kien telaq mid-dar illi oħtha nkoraġġietha tibda toħroġ u hija ltaqgħet ma' F. Fil-fatt jgħid il-konvenut lill-ħaddiema soċjali illi *"Wara li ma baqghux jghixu flimkien is-Sinjura G spjega li t-tfal baqghu jghixu ma ommhom. Eventwalment huwa sar jaf li hemm is-sieheb ta' l-omm, li kien Taljan, qed jghix fl-istess dar mal-minuri."*[50] Il-Qorti hija konvinta li l-għemil tal-attriċi ma kellu x'jaqsam xejn mat-tkissir taż-żwieġ.

[50] Fol. 1351.

Mill-atti għalhekk li għandha quddiemha, il-Qorti tinsab moralment konvinta li ż-żwieġ tkisser minħabba li l-konvenut kien ħati ta' theddid, inġurji u offiżi gravi. Il-Qorti, filwaqt illi ma tistax tqis li inġiebu provi suffiċjenti ta' adulterju *in flagrante da parti* tal-konvenut **fil-perjodu li xehdu dwaru l-attriċi u oħtha**, il-Qorti hija konvinta li effettivament il-konvenut kien f'relazzjoni adulterina, u dan *stante* li jirriżulta mill-atti li tassew l-istess J J kienet f'relazzjoni mall-konvenut għal żmien twil.

*Il-Ħall taż-Żwieġ:*

L-attriċi titlob ukoll il-ħall taż-żwieġ. In ottemperanza mal-Artikoli relattivi tal-Kap 16, l-attriċi tippreżenta talbiet maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni u għalhekk il-Qorti fl-istess sentenza qed tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti u sussegwentement tawtorizza l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet. L-attriċi, *in ottemperanza* ma' l-Artikolu 66, fetħet proċeduri ta' medjazzjoni qabel ma ġiet awtorizzata tibda dawn il-proċeduri; madanakollu il-partijiet ma waslux għal ftehim u ġew awtorizzati jipproċedu b'din il-kawża.

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Jiġi ribadit illi sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, u dan f'każ li tali talba saret qabel l-emendi tal-2021, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

i. Fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' (4) snin matul il-ħames (5) snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

ii. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

iii. Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[51]

[51] Il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 66B ġie emendat l-aħħar permezz tal-Att XXV tal-2021, iżda ġialadarba t-talba odjerna saret proprju fl-2013, il-liġi applikabbli għall-każ odjern għandha tkun dik ta' qabel tali emendi. Proprju

Fil-każ odjern jirriżulta illi:

i. Il-partijiet isseparaw *de facto* f'Marzu 2009, u b'hekk meta ġiet intavolata l-kawża l-partijiet kien ilhom erba' (4) snin separati *de facto* minn xulxin;

ii. Minn meta nfetħet il-kawża odjerna l-partijiet urew li ma kien hemm l-ebda dubju illi ma kienx hemm ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana *in vista* li, t-tnejn kienu jaqblu li għandhom jgħixu ħajja separata minn xulxin;

iii. Ma hemmx talbiet dwar manteniment tal-partijiet u t-tfal tal-partijiet huma llum maġġorenni. Dwar l-arretrati tal-manteniment li l-konvenut jagħmel talba dwarhom fil-kontro-talba, il-Qorti qed tiddeċiedi f'din is-Sentenza.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiċħad it-talba tal-attriċi. Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili għal ksib tad-divorzju.

3. **Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati ta' theddid, inġurji u offiżi gravi (u adulterju) fil-konfront ta' martu l-attriċi, u għaldaqstant il-Qorti ma

---

għalhekk li l-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni tali rekwiżiti sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha jekk għandhiex tiġi akkolta o meno t-talba tal-attriċi.

għandha l-ebda għażla ħlief li fiċ-ċirkostanzi odjerni tapplika *in toto* l-konsegwenzi ta' dawn l-artikoli fil-konfront tal-konvenut u tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, il-konvenut iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Il-Qorti tistabilixxi d-data ta' l-1 ta' Marzu 2009 bħala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruħu ħati tal-firda.

### 4. Kura u kustodja, aċċess u manteniment ta' wlied il-partijiet

Ulied il-partijiet huma issa maġġorenni u għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet kollha fir-rigward ta' ulied il-partijiet.

Dwar it-talba tal-konvenut illi l-Qorti għandha tillikwida l-arretrati ta' manteniment u nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni li l-attriċi għandha tħallsu tal-perjodu illi t-tfal kienu jgħixu mal-konvenut, il-Qorti tosserva li d-digriet ta' manteniment ingħata fid-19 ta' Settembru 2012 fl-atti ta' medjazzjoni (kif tikkonferma l-attriċi fl-affidavit tagħha u hi stess tammetti illi qatt ma ħallset dan il-manteniment) u t-tfal baqgħu jgħixu mal-konvenut sal-1 ta' Ottubru 2015 meta l-Qorti ddekretat[52] illi l-omm għandha tieħu lura l-kura u kustodja tal-minuri u li dawn għandhom jirrisjedu magħha. Għalhekk il-Qorti tħoss li għal dan il-perjodu l-konvenut għandu jingħata l-arretrati tal-manteniment li skont id-digriet tad-19 ta' Settembru 2012 kellu jingħata lilu fl-ammont ta' mitejn (200) Ewro fix-xahar flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti għalhekk tillikwida arretrati ta' manteniment fl-ammont ta' sebat elef, mitejn u tlieta u sebgħin Ewro (€7,273) u l-konvenut għandu kreditu fuq il-komunjoni għal dan l-ammont li jirrappreżenta manteniment għall-perjodu meta kien viġenti d-digriet ta' manteniment. Dwar it-talba ta' arretrati ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jingħad illi ma nġabet l-ebda tip ta' prova dwar dawn l-ammonti u għalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida ammont fuq l-istess.

[52] Fol. 1338.

5. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-22 ta' Mejju 1998, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

a. *<u>It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

b. *<u>Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Il-Qorti evalwat il-provi li għandha quddiemha, u waslet għall- konkluzjoni illi l-assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

i. Vettura tat-tip *Toyota Hilux Pick up* reġistrata fuq isem il-konvenut bin-numru tar-reġistrazzjoni IBI-532 li l-attriċi tgħid li nxtrat għall-prezz ta' sitt mija u ħamsin liri Maltin (Lm6500) bi flejjes li daħlet hi fiż-żwieġ;

ii. Vettura tat-tip *Land Rover Freelander TD4SWB* reġistrata fuq isem il-konvenut bin-numru tar-reġistrazzjoni GBP-516;

iii. Vettura tat-tip *BMW 320D M Sport* reġistrata fuq isem l-attriċi bin-numru tar-reġistrazzjoni BMW-412;

iv. Annimali eżotiċi u annimali oħra li l-attriċi tgħid li jammontaw għal madwar ħamsin elf Ewro (€50,000) u li tgħid li bosta minnhom xtrathomlu bi flus tagħha li kienet iddaħħal mix-xogħol tagħha;

v. Id-dar matrimonjali - Art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali li nxtrat mill-kontendenti fiż-żwieġ mill-Joint Office bl-indirizz X

mill-art magħrufa *X,* fi Triq il-X, Attard akkwistata permezz ta' kuntratt tal-21 ta' Mejju 2002 quddiem in-Nutar John Spiteri[53] u stmata mill-Perit Christian Spiteri fis-6 ta' Jannar 2013 għall-prezz ta' mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000).[54] L-attriċi tgħid li din il-biċċa art inxtrat għall-prezz ta' ħamsa u ħamsin elf liri Maltin (Lm55,000) mill-*commissions* li hi daħħlet qabel iż-żwieġ. Flimkien ma' biċċa art parafernali l-attriċi tgħid li b'hekk għaqdet biċċa art biex tkun tista' tibni d-dar matrimonjali kif xtaqet u l-partijiet ħadu *loan* ta' disgħin elf Ewro (€90,000) sabiex tinbena din id-dar, filwaqt li l-konvenut investa erbgħin elf liri Maltin (Lm40,000) mir-rikavat tal-bejgħ tal-*maisonette* fil-bini ta' din id-dar;

vi. Għamara li tinsab fid-dar matrimonjali ġewwa Ħ'Attard li nġiebet mill-*maisonette* li nxtrat fuq il-konvenut qabel iż-żwieġ u li kienet xtratha l-attriċi. Il-kamra tat-tifla l-kbira u l-kċina saru *made to measure;*

vii. Art fis-Siġġiewi li nxtrat permezz ta' kuntratt tal-4 ta' Diċembru 2001 quddiem in-Nutar Dr John Spiteri[55] li l-attriċi tispjega li nxtrat bi flejjes li kellha qabel iż-żwieġ fi *Clients Account* tal-kumpanija fejn kienet taħdem. Tgħid li ħarġet ukoll erbgħin elf lira Maltin (Lm40,000) oħra bi flus li qalgħet fiż-żwieġ biex il-konvenut lesta din l-art. Dan il-post (kif mibni wkoll iktar il quddiem wara li ttieħdet loan mal-Bank HSBC) ġie stmat mill-Perit Dr Edwin Mintoff fil-5 ta' Frar 2013 għall-valur ta' mitejn u sittin elf Ewro (€260,000);

viii. Il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet separatament u konġunti bejn il-partijiet:

Kontijiet fuq isem l-attriċi mal-Mediterranean Bank:[56]

---

[53] Kopja tal-kuntratt a. fol. 1078.
[54] Xhieda tal-Perit Christian Spiteri a. fol. 1026.
[55] Fol. 1205.
[56] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Mediterranean Bank fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 a. fol. 53 *et. seq.*

*i. Savings account bin-numru tal-kont 203005860017 li fit-13 ta' Frar 2014 kien hemm bilanċ ta' €0.65. Ir-rappreżentanta tal-Me Direct reġgħet xehdet fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018*[57] *illi sat-8 ta' Ottubru 2018 ma kien għad fadal xejn fil-kont;*
*ii. Savings account bin-numru tal-kont 303005860014 li fit-12 ta' Frar 2014 kien hemm bilanċ ta' €57,000. Jirriżulta minn fol. 1452 illi dan l-ammont ġie trasferit fil-kont 203005860017 li mbagħad fl-14 ta' Lulju 2017 il-bilanċ kollu ta' €58,265.25 ġew trasferiti f'kont bankarju ta' E F;*

Investimenti f'isem l-attriċi:[58]

*i. MSC Account f'isem l-attriċi bin-numru 9080996 li fis-26 ta' Frar 2014 kellha 88 Simonds Farsons Cisk Ordinary Shares;*

Kontijiet fuq isem l-attriċi mal-Bank BOV:[59]

*i. Kont Easysave bin-numru 11204703011 li fl-1 ta' Frar 2014 kien hemm bilanċ ta' €391.79;*
ii. *Savings account bid-Dollaru Awstraljan bin-numru 16604594032 li fil-31 ta' Diċembru 2013 kien hemm bilanċ ta' AUD8.12;*
*iii. Savings account bin-numru 40013257790 li fis-7 ta' Marzu 2014 kien hemm bilanċ ta' €2221.04;*
*iv. Current account bin-numru 40013257800 li fis-7 ta' Marzu 2014 kien hemm bilanċ ta' €10.41;*
*v. Savings account fil-Lira Sterlina bin-numru 40013679271 fil-31 ta' Diċembru 2013 kien hemm bilanċ ta' GBP49.02;*
*vi. Term Deposit bin-numru 40020759951 li fis-7 ta' Marzu 2014 kellha bilanċ ta' €65,000;*
*vii. Savings account Ac D bin-numru 40015643140 li fl-24 ta' Diċembru 2013 kien hemm bilanċ ta' €247.50;*

[57] Fol. 1432.
[58] Xhieda tar-rappreżentant tal-Malta Stock Exchange fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 a. fol. 53 *et. seq.*
[59] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 a. fol. 53 *et. seq.*

*viii. Savings account Ac C bin-numru 40015643137 li fl-24 ta' Diċembru 2013 kien hemm bilanċ ta' €191.00;*

Kontijiet fuq isem il-konvenut mal-Bank HSBC:[60]

*i. Savings account bin-numru 033-019332-050 li fit-8 ta' Jannar 2014 kien hemm bilanċ ta' €1.81;*
*ii. Savings account bin-numru 033-019332-051 li fit-2 ta' Ottubru 2013 kien hemm bilanċ ta' €0.07;*
*iii. Current account bin-numru 023-119449-001 li fl-4 ta' Frar 2014 kien in debit (dovut lill-Bank) għall-ammont ta' €1449.98;*
*iv. Ordinary loan bin-numru 054-151022-301 li sal-14 ta' Ġunju 2013 kien dovut lil Bank l-ammont ta' €28,264.72. Fir-rikors tal-31 ta' Awwissu 2015,[61] il-konvenut jgħid li din kienet il-loan għall-iżvilupp tal-proprjetà tas-Siġġiewi;*
*v. Ordinary loan bin-numru 054-151022-302 li sal-14 ta' Ġunju 2013 kien dovut lil Bank l-ammont ta' €29,977.90. Fir-rikors tal-31 ta' Awwissu 2015,[62] il-konvenut jgħid li din kienet il-loan għall-iżvilupp tal-proprjetà tas-Siġġiewi;*
*vi. Credit Card Account VISA Gold illum Advance bin-numru 4035710000624028 li fil-25 ta' Frar 2014 kien hemm ammont dovut ta' €6176.30.*

Kontijiet fuq isem iż-żewġ partijiet mal-Bank HSBC:[63]

*i. Loan bin-numru 27002292 li sas-27 ta' Frar 2014 kien hemm bilanċ pendenti ta' €79,523.33. Il-konvenut fir-rikors tal-31 ta' Awwissu 2015 jgħid li din kienet il-loan li ttieħdet biex titlesta d-dar matrimonjali ġewwa Ħ'Attard Meta reġgħet xehdet ir-rappreżentanta tal-HSBC fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021[64] jirriżulta li fit-30 ta' Marzu 2021, il-bilanċ dovut kien ta' €56,558.61 u eventwalment inbidel għan-*

[60] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 a. fol. 53 *et. seq.*
[61] Fol. 1304.
[62] Fol. 1304.
[63] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 a. fol. 53 *et. seq.*
[64] Fol. 1516.

*numru tal-kont 16218366 wara li l-konvenut ma baqax impjegat tal-Bank HSBC u jirriżulta illi fil-15 ta' Marzu 2022 l-ammont dovut il-Bank kien ta' €55,176.12;*[65]

c. <u>Beni li l-partijiet jsemmu bħala parafernali tagħhom</u>

i. Garage bl-indirizz X, Triq il-X, Attard li minn kuntratt ta' donazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa tas-27 ta' Mejju 2008 jirriżulta li omm u oħt l-attriċi tawha b'donazzjoni l-ishma tagħhom li kellhom ta' dan il-garaxx biex b'hekk flimkien mas-sehem tagħha l-attriċi tkun proprjetarja tal-garaxx fl-intjer tiegħu;

ii. Biċċa art magħrufa bħala "Tal-Mirakli" fil-limiti ta' Ħal Lija mgħoddija lill-attriċi b'kuntratt ta' donazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa tas-27 ta' Mejju 2008[66] - jirriżulta li omm u oħt l-attriċi taw sehemhom b'donazzjoni lill-attriċi u skont stima mill-Perit Christian Spiteri fis-6 ta' Jannar 2013 din il-biċċa ġiet stmata għall-prezz ta' sittin elf Ewro (€60,000);[67]

iii. *Maisonette* li l-attriċi tgħid li nxtrat qabel iż-żwieġ fuq isem il-konvenut. L-attriċi tgħid li ħarġet elfejn tliet mija u tlieta u tletin Ewro (€2,333) minn flejjes li kellha qabel iż-żwieġ (dan fil-fatt kien qabel ma żżewwġu) u l-konvenut nefaq sittax-il elf tliet mija u sitt Ewro (€16,306) minn flus tiegħu u ħa self ta' erbatax-il elf Ewro (€14,000) mill-Bank. Qabel iż-żwieġ l-attriċi tgħid li l-konvenut laħaq ħallas madwar sittax-il elf tliet mija u sitt Ewro (€16,306) mil-*loan* u mbagħad fiż-żwieġ hija ħallset ħamsa u għoxrin elf u sitt mija (€25,600) f'daqqa mill-*Clients Account* tal-Kumpanija biex qatgħet il-*loan* u b'hekk imbagħad flimkien ħadu *loan* oħra għall-proprjetà ta' Attard. L-attriċi tgħid li meta l-konvenut biegħ din il-*maisonette* huwa investa madwar tlieta u disgħin elf mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€93,175) mir-rikavat fil-bini tal-art ġewwa Ħ'Attard;

---

[65] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tas-6 ta' April 2022 a. fol. 1562 *et. seq.*
[66] Kuntratt a. fol. 1267.
[67] Xhieda tal-Perit Christian Spiteri a. fol. 1026.

iv. Is-somma ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000) li qiegħda sservi bħala *pledge* għal-*loan* li ħadu l-partijiet biex ilestu l-kamra tas-sodda u l-kamra tal-banju fuq l-art tas-Siġġiewi. Dawn il-flus ddevolvew fuq l-attriċi minn bejgħ tas-sehem tagħha minn *Bungalow* li ġiet għandha b'wirt minn missierha. Tali kuntratt ta' bejgħ ġie esebit a. fol. 1074.

v. Is-somma ta' sebgħa u ħamsin elf Ewro (€57,000) investiti fit-tul mal-Mediterranean Bank – dawn il-flus kienu l-bqija tal-flus li ddevolvew fuq l-attriċi minn bejgħ tas-sehem tagħha minn *Bungalow* li ġiet għandha b'wirt minn missierha. Tali kuntratt ta' bejgħ ġie esebit a. fol. 1074.

vi. L-attriċi tgħid li nefqet l-ammont ta' tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000) minn flus parafernali biex xtrat lill-konvenut il-karozzi tat-tip *Mazda 323 Sports* u *Escort Convertible* qabel iż-żwieġ u *Escort M4* u *Peugeot 306* wara ż-żwieġ. Dawn il-vetturi tgħid li m'għadhomx għandu u fil-fatt ma jidhrux reġistrati fuq ismu mix-xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta.

d. *Tenut kont il-premess, il-Qorti tara illi:*

*Fir-rigward tal-vetturi*, il-Qorti tiddeċiedi li l-vettura tat-tip *Toyota Hilux Pick Up* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBI-532 u l-vettura tat-tip *Land Rover Free Lander TD4SWB* bin-numru tar-reġistrazzjoni GBP-516 għandhom jiġu assenjati lill-konvenut, filwaqt li l-vettura tat-tip *BMW 320D M Sport* bin-numru ta' reġistrazzjoni BMW-412 għandha tiġi assenjata lill-attriċi. Madanakollu mill-atti ma jirriżultax li tressqet prova tal-valur tal-vetturi in kwistjoni, u b'hekk il-Qorti tinsab sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-attriċi u l-konvenut rigward il-vetturi in kwistjoni. L-attriċi tgħid li l-vettura *Toyota Hilux Pick Up* inxtrat bi flus li hi daħlet fiż-żwieġ iżda l-Qorti m'għandiex quddiema prova ta' dan. Il-Qorti hija fi kwalunkwe każ prekluża milli tillikwida ammont *arbitrio boni viri*, *stante* li dan il-prinċipju ma jistgħax jiġi addottat

fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward il-valur ta' l-istess u għalhekk kull parti għandha żżomm il-vetturi reġistrati fuq isimha;

_Fir-rigward tal-annimali eżotiċi_ għalkemm l-attriċi tgħid illi dawn kienu jammontaw għal madwar ħamsin elf Ewro (€50,000) u bosta minnhom xtrathomlu hi, sfortunatament il-Qorti ma għandhiex quddiema l-ebda prova dwar il-konsistenza tal-annimali u lanqas il-valur tagħhom u b'liema flejjes inxtraw. Għalkemm l-attriċi tippreżenta dokumentazzjoni fejn jiġi dikjarat *x'commissions* kellha tirċievi, ma tinġieb l-ebda prova ta' kif intużaw dawn il-*commissions*. Il-Qorti għalhekk tisfa kostretta li tattribwixxi kull annimal li għad baqa' lill-konvenut;

_Dwar l-proprjetà ta' Ħ'Attard li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet_ Il-Qorti tara illi parti minn din l-art ġiet ppruvata illi hija parafernali tal-attriċi minn kuntratt ta' donazzjoni ta' oħt u omm l-attriċi u li skont il-Perit Christian Spiteri din il-biċċa parafernali tammonta għal sittin elf Ewro (€60,000). Il-biċċa l-oħra tal-art akkwistata miż-żewġ partijiet fiż-żwieġ, l-attriċi tgħid li din inxtrat bi flus tagħha *cash* li hi kienet daħħlet qabel iż-żwieġ. Fil-fatt jidher mill-kuntratt li ngħata l-ammont kollu u ngħatat riċevuta għas-saldu tal-prezz sħiħ. Madnakollu ma nġabet l-ebda prova li dawn kienu fil-fatt flus parafernali tal-attriċi. Għalhekk il-Qorti qed tordna illi jitqabbad perit, u għal dan l-iskop taħtar lill-Perit Mario Cassar, sabiex jistma dawn iż-żewġ porzjonijiet sabiex b'hekk l-attriċi jkollha kreditu għall-ammont tal-valur tal-biċċa parafernali u dan *stante* li għadda ż-żmien minn meta ġew valutati dawn l-artijiet u għalhekk il-prezz tal-propjetà żgur ma għadux bl-istess valur. L-attriċi għandha titħallas kreditu wkoll ta' nofs l-ammont tal-*loan* li hija ħallset fuq il-*maisonette*, proprjetà parafernali tal-konvenut, għall-ammont ta' nofs ta' ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600) li kien dejn tiegħu biss u mhux tal-komunjoni u kwindi huwa jitqies li huwa debitur għal dak li ma jikkostitwix sehmu. Il-Qorti tordna illi din il-proprjetà titpoġġa fuq is-suq għall-bejgħ u l-ewwel tinqata' l-*loan* pendenti fuq din id-dar u mbagħad mir-rikavat l-attriċi tiegħu kreditu għall-ammont tal-valur tal-biċċa parafernali kif stmata mill-Perit u l-kreditu ta' nofs ta' ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600) u r-rikavat imbagħad jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;;

*Fir-rigward tal-mobbli ġewwa l-istess dar ta' Ħ'Attard*, il-Qorti tara li l-attriċi tgħid li nġiebu mill-*maisonette* li l-konvenut kien biegħ u li hi kienet xtrat iżda għal darba oħra ma nġabet l-ebda prova dwar dan u għalhekk anke fid-dawl tal-fatt li ma hemm l-ebda elenku ta' dawn il-mobbli, il-Qorti tara li fis-sitwazzjoni jkun għaqli li dawn jinbiegħu mal-istess dar;

*Fir-rigward tal-proprjetà tas-Siġġiewi,* l-attriċi tispjega, iżda ma ġġibx prova, illi l-art inxtrat bi flejjes li kienet qalgħet hi qabel iż-żwieġ u reġgħet imbagħad nefqet somma oħra li kienet flus ta' introjtu tagħha fiż-żwieġ. Fuq din il-proprjetà l-konvenut ħa wkoll *loan* mal-Bank HSBC u l-attriċi tgħid li rabtet *pledge* fuq flus tagħha parafernali għall-ammont ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000) minn *bungalow* li ġiet għandha b'wirt u nbiegħet lil oħtha fiż-żwieġ. Għalhekk il-Qorti tirreleva illi dawn m'humiex flejjes parafernali iżda parti mill-komunjoni *stante* li n-natura tal-proprjetà parafernali nbidlet waqt iż-żwieġ fi flus. Għalhekk il-Qorti qed tordna illi jitqabbad perit, u għal dan l-iskop taħtar lill-Perit Mario Cassar, sabiex jistma din l-proprjetà. Wara li titpoġġa fuq is-suq għall-bejgħ, l-ewwel jinqatgħu l-*loans* pendenti fuq din il-proprjetà u mbagħad ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji* l-Qorti tiddeċiedi illi kull parti għandha żżomm il-kontijiet li huma ntestati fuq isimha inkluż dejn fuq *credit cards*. L-attriċi tiġi assenjata wkoll l-investimenti fuq isimha. Il-Qorti tirrileva illi l-*loans* elenkati hawn fuq għandhom jitħallsu kif spjegat hawn fuq miż-żewġ partijiet f'ammonti ndaqs bejniethom. Il-Qorti tiddeċiedi illi:

*Fir-rigward tas-somma ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000) li* l-attriċi tgħid li hija parafernali tagħha u qiegħda sservi bħala *pledge,* kif spjegat hawn fuq din il-Qorti tosserva li fil-fatt dawn ma kienux flus parafenali u għalhekk it-*Term Deposit* bin-numru 40020759951 fuq isem l-attriċi mal-Bank BOV għandu jinqasam f'ammonti ndaqs bejn il-partijiet;

*Fir-rigward tas-somma ta' seba' u ħamsin elf Ewro (€57,000)* investiti fil-Mediterranean Bank kif spjegat hawn fuq din il-Qorti tosserva li fil-fatt ma kienux flus parafenali għaliex kienu akkwistati mill-istess bejgħ ta' *bungalow* li ġiet għandha b'wirt u nbiegħet lil oħtha fiż-żwieġ u għalhekk inbidlet in-natura tal-assi u ma baqgħux parafernali. E F għandu jħallas

lill-konvenut l-ammont ta' disgħa u għoxrin elf mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€29,132.63) u *ċioé* nofs l-ammont li ġie trasferit f'kont fuq ismu kif osservat fl-elenku tal-kontijiet tal-banek iktar 'il fuq;

*Proprjetà u krediti parafernali*

*Fir-rigward tal-maisonette* il-Qorti tara li ma nġiebu l-ebda provi dwar il-ħlasijiet li saru; madanakollu jirriżulta mid-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC li l-*loan* li l-attriċi ssemmi li qatgħet biex setgħu għalqu l-*loan* tal-*maisonette* u ħadu *loan* oħra fuq il-proprjetà f'Ħ'Attard verament jirriżulta dan il-pagament minn fol. 619 tal-proċess. Madanakollu l-Qorti ma għandha l-ebda prova jekk dan l-introjtu kienx tal-attriċi ta' qabel jew ta' wara ż-żwieġ. *De minimis*, dan ifisser li intużaw flejjes mill-komunjoni biex ġie estint dejn tal-konvenut li kien parafernali. Il-Qorti għalhekk iddeċidiet li l-attriċi għandha kreditu mill-komunjoni għal nofs l-ammont ta' (ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt Ewro) (€25,600) *stante* li dak id-dejn kien tal-konvenut biss u mhux tal-komunjoni. Il-Qorti diġà spjegat li dan il-kreditu għandu jitħallas mill-bejgħ tal-proprjetà ta' Attard;

*Fir-rigward tal-Garage bl-indirizz X, Triq il-X, Attard* dan irriżulta li hu parafernali tal-attriċi u għalhekk għandu jiġi assenjat lill-attriċi fl-intier tiegħu mingħajr il-ħlas ta' ebda korrispettiv.

*Fir-rigward ta' biċċa art magħrufa bħala "X" fil-limiti ta' Ħal Lija* mgħoddija lill-attriċi b'kuntratt ta' donazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa tas-27 ta' Mejju 2008 il-Qorti tiddeċiedi kif provdiet hawn fuq fil-parti *Dwar l-art li fuqha ġiet mibnija l-proprjetà ta' Ħ'Attard li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet;*

*Fir-rigward tat-tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000)* li l-attriċi tgħid li ħarġu minn flus parafernali biex xtrat lill-konvenut il-karozzi tat-tip *Mazda 323 Sports* u *Escort Convertible* qabel iż-żwieġ u *Escort M4* u *Peugeot 306* wara ż-żwieġ ma nġabet l-ebda prova dwar dan u għalhekk il-Qorti ma tista' tillikwida l-ebda kreditu.

## 6. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Fiċ-ċirkostanzi fejn l-attriċi ġiet nieqsa *pendente lite* l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba li hija issa superfluwa.

**Deċide:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li se jiġi deċiż:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fit-22 ta' Mejju 1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Liġi u imputabbli lill-konvenut;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba rikonvenzjonali stante li fiċ-ċirkostanzi fejn l-attriċi ġiet nieqsa *pendente lite* din it-talba hija issa superfluwa.

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba attriċi u tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba rikonvenzjonali *stante* li dawn it-talbiet jirrigwardaw lit-tfal tal-konjuġi li llum huma maġġorenni;

5. Tilqa' limitatament is-sitt u s-seba' talba rikonvenzjonali u tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' sebat elef, mitejn u tlieta u sebgħin Ewro (€7,273) rappreżentanti arretrati ta' manteniment;

6. Tilqa' l-ħames talba attriċi billi tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

7. Tilqa' s-sitt talba attriċi filwaqt li tiċħad it-tmien talba rikonvenzjonali u tapplika kontra l-konvenut *in toto* l-konsegwenzi ta' l-artikoli 48 *et seq.*

tal-Kap 16 filwaqt li tistabilixxi d-data ta' l-1 ta' Marzu 2009 bħala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruħu ħati tal-firda.

8. Tiċħad is-seba' talba attriċi u tiddeċiedi dwar id-dar matrimonjali skont dak deċiż fil-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

9. Tilqa' limitatament t-tmien talba attriċi u tiddeċiedi skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

10. Tilqa' d-disa' talba attriċi u limitatament il-ħdax-il talba rikonvenzjonali billi xxolji, tillikwida, taqsam u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti u tiddeċiedi dwarha skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

11. Tilqa' l-għaxar talba attriċi u d-disa' u l-għaxar talba rikonvenzjonali u tiddeċiedi dwar il-beni parafernali skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

12. Tilqa' l-ħdax-il talba attriċi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz X, Triq il-X, Attard mgħandux jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

13. Tilqa' it-tnax-il talba attriċi;

14. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tlettax-il talba peress li ma hemmx il-ħtieġa għal din it-talba;

15. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-erbatax-il talba attriċi *stante* li wara l-mewt tal-attriċi din it-talba hija issa superfluwa;

16. Tilqa' l-ħmistax-il talba attriċi u t-tnax-il talba rikonvenzjonali u tawtorizża lill-partijiet sabiex jirreġistraw din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-konvenut.